MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 14/2003

Charlie Attard .

VS

Direttur tar-Registru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :

Illi huwa twieled in-Nadur, Ghawdex, fil-ghaxra (10) ta’ Frar ta’ l-elf disa’ mija u tnejn u tletin (1932) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Ghawdex bin-numru progressiv tlieta u disghin tas-sena elf disa’ mija u tnejn u tletin (93/1932) (Dok A) ;

Illi l-istess att tat-twelid isem l-attur gie mnizzel bhala Carmelo u dan minkejja illi l-attur dejjem kien u ghadu maghruf bhala Charlie .

Illi l-attur izzewweg lil Stella nee' Vella, fil-Knisja Parrokkjali tax-Xaghra, Ghawdex fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (1968), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv disgha u disghin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (117/1968) (Dok.B) ;

Illi fl-istess att taz-zwieg isem l-attur gie mnizzel skorrettament bhala Carmelo sive u mhux bhala Charlie .

Illi l-attur minn dejjem kien uza l-isem Charlie u dana wkoll skond kif muri fuq id-dokumenti ta' New York illi permezz taghhom kien bidel isem minn Carmel ghal Charlie fis-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (Dok. C) u kif ukoll mic-certifikat ta' naturalizzazzjoni tas-sittax (16) ta' Gunju, elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) ta' l-Istat ta' New York fejn huwa mnizzel korrettament bhala Charlie (Dok. D) ;

Illi l-attur jixtieq illi ssir tali korrezzjoni kemm fl-att tat-twelid u fl-att taz-zwieg tieghu sabiex b'hekk jigu evitati hafna kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu meta dawn l-atti jigu prezentati minhabba din l-iskorrettezza.

Talab lil din il-Qorti :

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv tlieta u disghin tas-sena elf disa' mija u tnejn u tletin (93/1932) billi fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' kif ukoll fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' l-isem 'Carmelo' jigi sostitwit bl-isem 'Charlie' ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv disgha u disghin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sittin (99/1968) billi fil-kolonna ''Isem u kunjom ir-ragel' l-isem jigi sostitwit bl-isem 'Charlie' ;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess dikjarazzjoni, cioe' dokument 'A' certifikat tat-twelid ta' l-attur, bin-numru tlieta u disghin tas-sena elf disgha mija tnejn u tletin (93/1932) ; dokument 'B' certifikat taz-zwieg ta' l-istess attur, bin-numru disgha u disghin tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (99/1968) ; bhala dokument 'C' certifikat ta' Southern District of New York, certifikat 'D' certificate of naturalisation ta' l-istati uniti ta' l-Amerika .

Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. illi ghal dak illi jirrigwarda l-att tat-twelid, id-Direttur Registru Pubbliku rregistra "Carmelo" bhala isem l-attur kif gie ndikat lilu mill-genituri tal-attur, u ghal dak illi jirrigwarda l-att taz-zwieg, rega tnizzel l-istess isem Carmelo fuq indikazzjoni tal-attur nnifsu u skond l-isem kif irregistrat fl-att tat-twelid ;

2. illi jekk hemm xi zball fl-isem tal-attur, dan l-isball hu tort tal-attur nnifsu jew/u tal-genituri tieghu ;

3. illi salv il-premess, huwa ma hux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mir-rikorrenti jkunu sodisfacenti u korretti skond il-ligi . Illi dokument illi jrid jigi prodott hu c-certifikat tal-maghmudija tal-attur halli tkun tista' tohrog l-intenzjoni tal-genituri ;

4. illi ghaldaqstant, l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attur u f'kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Semghet lill-attur jikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti, billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talbiet attrici,

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv tlieta u disghin tas-sena elf disa’ mija u tnejn u tletin (93/1932) billi fil-kolonna ‘Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha’ kif ukoll fil-kolonna ‘Ismijiet moghtija’ l-isem ‘Carmelo’ jigi sostitwit bl-isem ‘Charlie’ ;

2. Tordna korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv disgha u disghin tas-sena elf disa’ mija u tmienja u sittin (99/1968) billi fil-kolonna ''Isem u kunjom ir-ragel’ l-isem jigi sostitwit bl-isem ‘Charlie’ .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .

--------------------------------TMIEM--------------------------------